**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 29 t'Awwissu 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 156/2024JPG**
**Kawza Nru.: 21**

**GR**
**Vs**
**SR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 25 ta' Marzu 2024, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet fuq premessi zzewgu fil-Knisja Parrokjali ta' San Giljan, f'Malta, fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena elf u disa' mija u tnejn u mtenin (08/10/1983)[1], liema kopja tal-Att taz-Zwieg jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok GR 1;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal, ossia', NR, STR, u GLR, li llum il-gurnata huma lkoll maggorenni, stante li NR twieldet f'X, STR twieldet F'Y u GLR twieldet f'Z;*

[1] Korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti stante li il-kontendenti izzewwgu fis-sena 1983 u mhux 1982.

*Illi l-partijiet fuq premessi ilhom legalment separati ghal kwazi ghoxrin sena permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt minn Nutar Dottor Christine Abela, precizament sa mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), kopja legal ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok GR 2, liema kuntratt ta' separazzjoni gie ppubblikat in segwitu ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti data l-ewwel (01) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004);*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin, precizament, sa mis-sena elf u disa' mija u tlieta u disghin (1993);*

*Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur wiehed jew l-ohra;*

*Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri stante illi ormai dawn huma maggorenni;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-partijiet ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom kwazi ghoxrin sena legalment separati, u wiehed u tletin sena de facto sseparati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-esponent hejja l-anness affidavit, mmarkat Dok RG3, li permezz tieghu qed tikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 66B u 66C tal-Kodici Civili:*

1. *Tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li gie ccelebrat fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena elf u disa' minja u tnejn u menini (08/10/1983), u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghall daqshekk mill-*

*istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 11 ta' Jannar 2024, a fol 14 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok, filwaqt li tiddikjara li taqbel mad-dikjarazzjonijiet kollha maghmulha mill-attur, tiddikjara ukoll illi tenut kont li llum l-esponenti hija penzjonanta li ghandha 65 sena u ilha sseparata minn ma l-attur ghal zmien twil, hija m'ghandha l-ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi fit-tieni lok u konsegwentement ghal dak iddikjarat hawn fuq, l-esponenti tipprotesta ruhha ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.*

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Lulju 2024, (Fol 23) il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx xhieda ulterjuri x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Rat ukoll li l-attur ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li jhallas l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri;**

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 9)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Ottubru 1983 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum kollha maggjorenni. Iddikjara illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 22 ta' Dicembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela. Di piu', jikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 16)** u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Ottubru 1983 liema zwieg jgib certifikat numru 1966/1983 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum kollha maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela nhar it-22 ta' Dicembru 2004 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Rat illi l-attur ddikjara illi ser ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1966/1983 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**